MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2015

Numru 353/2015

**PULIZIJA**

**Spettur Caroline Fabri**

**VS**

**Youseif Khalifa**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Youseif Khalifa ta' 21 sena, bin Gmma u Fatin, mwieled f' Bengazi, Libja fl- 20 ta' Gunjru 1992, residenti Centru Miftuh, Hal-Far, limiti ta' Zurrieq u detentur tan-numru ta' referenza 18637/15 hekk kif moghti lilu mill-Kummisjoni Refugjati Malta;

Talli f'dawn il-Gzejjer f' April 2015 u fix-xhur ta' qabel b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1) Talli nhar il-31 ta' Marzu 2015 ghal habta tal- 23.00hrs minn gewwa l-Havana li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' flus kontanti li jammontaw ghal €150, mowbajl tal-marka Iphone 5S ta' kulur silver, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u l-hin ghad-detriment ta' Shakira Grixti u/jew persuni ohra;

2) Talli nhar it-3 ta' April 2015 bejn is- 2.00hrs u t- 3.00hrs minn gewwa Bar Native li jinsab fi Triq Santa Rita, San Giljan, ikkommetta serq ta' mowbajl tal-marka Iphone 5s ta' kulur gold, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u l-hin ghad-detriment ta' Karen Lombardo u/jew persuni ohra;

3) Ikkommetta serq ta' mowbajls tal-marka LG u Samsung, kamera tar-ritratti tad-ditta Canon, u Digital Dairy tal-marka Casio liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u l-hin ghal persuni mhux maghrufa;

4) Aktar talli laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull m od indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 2670, 271(g), 280 u 344 tal-Kapitlu tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tikkundannah ghall- piena ta' tmintax- il xahar (18) prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin taht supervizjoni ta' ufficjal tal-Probation, ai terminu tal- Art 28G tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------